Minuti tas-70 (sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-6.00p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

## 1. <u>Talba</u>

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 69, li saret nhar it-Tlieta 29 ta'Mejju 2012, kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħalha moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. <u>Korrispondenza</u>

### 3.1 <u>Memos</u>

3.1.1 Memo 24/2012: Mistoqsija Parlamentari numru 35500 fejn qed jintalab jekk l-Kunsilli qatx għamlu talbiet lill-awtoritajiet konċernati dwar toroq li qatt ma saru f'dik l-lokalita u li allura l-Gvern Ċentrali hu responsabbli għalihom. Il-Kunsill talab biex issir Trejqet Wara l-Idjar

3.1.2 Memo 29/2012: Mistoqsija Parlamentari numru 35940 li tirrigwarda azzjonijiet li ħadu l-Kunsilli Lokali fil-qasam ta' inizzjattivi għal zoni pedonali mis-sena 2011 sal-lum.

3.1.3 Memo 30/2012: Mistoqsija Parlamentari numru 35937 fejn qed jintalab rendikont min kull Kunsill kemm ibbenefika min fondi ta' l-Unjoni Ewropea sena b'sena u għal-liema proġetti.

3.1.4 Memo 31/2012: Mistoqsija jekk ir-reviżjoni fl-Onorarja lill-Presidenti tar-Reġjuni u lis-Sindki tal-Kunsilli Lokali ħaduhiex u jekk ġietx rifuża. Din ġiet rifuża mis-Sindku.

3.1.5 Memo 32/2012: Id-Direttorat tal-*Life Long Learning* ippubblika l-*prospectus 2012-2013* b'informazzjoni dwar 'il fuq min 200 kors f'livelli differenti għall-adulti.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.1.6 Memo 33/2012: Tikkonċerna l-użu sostenibli tal-pestiċidi skond id-Direttiva 2009/128/KE kif trasposta f'Malta permezz tal-Avviż Legali Numru 489 tal/2011 fejn fost l-oħrajn tgħid li persuna biex tuża l-pestiċidi għandha tkun awtorizzata mil-*MCCAA*.

## 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Notifications mill-MEPA li jikkonċernaw r-release tal-*Bank guarantees*. F'dan r-rigward s-sindku tenna li dawn issa qed jagħmel tajjeb għalihom l-Gvern Ċentrali.

3.2.2 Korrispondenza mingħand l-WasteServ rigward l-ammont dovut ta' €861 liema ammont kien hemm qbil fuqu u qiegħed imniżżel fiċ-ċedola tal-pagamenti biex jitħallas.

3.2.3 Il-MEPA bagħtet notifika li irċeviet l-applikazzjoni PA/01324/12 biex isir il-ftuħ tal-bokka tax-xelter min Triq ix-Xagħri.

3.2.4 Ittra mingħand Jason Curmi fejn qed jagħti r-raġunijiet għalfejn ma aċċettax il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Dawn huma:

i. Li l-Kunsill m'għandux *accountant*;
ii. Li s-Segretarju Eżekuttiv m'għandux Uffiċċju adegwat; u
iii. Li l-Kunsill m'għandux skrivan.

Għal dawn il-punti s-Sindku qal li bħala *accountant* l-Kunsill juża s-Servizzi ta' Ms Joanna Caruana waqt li fil-każ ta' l-uffiċju, is-Sur Jason Curmi kien jaf kif inhi s-sitwazzjoni min qabel u li L-Kunsill qed juża *Multi Purpose Room*.

3.2.5 *Acknowledgement letter* mill-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur li tikkonċerna d-devoluzzjoni ta' siti fil-Fontana.

3.2.6 E-mail mingħand is-Sinjura Shirley Debono fejn qeda tgħid li filwaqt li tifhem li la ma tantx joqgħodu nies fiha din t-triq ma tistax issir, tistax almenu issir b'mod temporanju. Il-Kunsill irrimarka l-fatt li din t-triq għadha qatt ma saret u għalhekk taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Gvern Ċentrali.

3.2.7 E-mail mingħand *The Power House* li qedin jagħmlu mappa li ser titqassam b'xejn lit-turisti. Ġie mitlub l-postijiet ta' interess fil-Lokalità tal-Fontana u għal dan ingħatat risposta.

3.2.8 E-mail mingħand l-*Bicycle Advocacy Group (Malta)* rigward questionaire li tikkonċerna l-friendliness tal-Lokalitajiet.

3.2.9 E-mail mingħand Mary Portelli fejn qeda tagħmel reklam ta' xogħol tal-Mużajk.

3.2.10 E-mail mingħand *Din l-Art Ħelwa* rigward kopji żejda tal-Magazine *Vigilio* biex jekk l-Kunsill irid jinbagħtu numru ta' kopji li l-pubbliku ikun jista jakwista b'xejn.

3.2.11 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward t-tnedija tal-Programm *ESF 4.97 – Programm ta' Sapport għall-Impjegati Pubbliċi* li joffri għarfien u l-appoġġ meħtieġ dwar diffikultajiet psiko-soċjali u ta' diżabbilta' li persuna tista' tkun għaddejja minnhom.

3.2.12 E-mail mingħand Niki Bilocca ta' *My Destination Malta* fejn qed jinforma l-Kunsill li r-ritratti ta' *360 Virtual Tour of Fontana* huma lesti. Saru ħames ritratti minfejn iridu jnitagħżlu tlieta.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.13 E-mail mingħand l-MEUSAC rigward djalogu pubbliku organizzat mill-MEUSAC u l-Kummissjoni Għolja Ingliża flimkien ma Rt. Hon. David Lidington MP, Ministru ta' l-Istat fl-Uffiċju ta' l-Affarijiet Barranin u *Commonwealth* li ser ikun Malta minħabba taħdidiet mal-Gvern Malta. Id-djalogu Pubbliku ser jitratta t-tema ta' l-isfidi finanzjarji l-quddiem fl-Ewropa.

3.2.14 *Questionaire* mingħand d-DI-VE.com Newsroom li inbagħtet lil kull Kunsill Lokali li titratta l-Lokalita' inġenerali.

3.2.15 *Questionaire* mingħand d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali f'isem l-Kunsill tal-Libreriji li ġie imwaqqaf is-sena l-oħra biex jiġbor informazzjoni fuq l-Libreriji Pubbliċi li hawn Malta.

3.2.16 E-mail mill-Universita' rigward żewġ korsijiet li ser isiru fuq l-bżonnijiet speċjali fil-qasam ta' l-edukazzjoni

3.2.17 Ittra mingħand l-*Yellow Pages* fejn qed jassumu li *d-data* għadha l-istess jekk ma nirrisponduhomx b'xi tibdil fin-numri tal-linja tal-Kunsill.

3.2.18 E-mail mingħand Eco Gozo fejn staqsew jekk għandniex l-permessi meħtieġa minħabba t-tindif tal-wied tax-Xlendi u r-risposta kienet li waqt li l-Kunsill għandu f'idejh l-permessi meħtieġa, xorta għadt qed nistennew l-*clearance* biex nibdew ix-xogħlijiet.

Is-Sindku qal li l-Perit applika mal-MEPA fis-19 ta' Gunju, madwar xahar u ġimgħa ilu, biex l-Kunsill jingħata l-*clearance* ħalli jkun jista jibda x-xogħol. Qal ukoll li fl-oppinjoni tiegħu l-Perit dam daqxejn jitrateni biex applika għal-*clearance* meta l-permess ser jagħlaq fit-3 ta' Awwissu. Qal ukoll li l-espert tal-granċijiet is-Sur Stephen Cachia mhux ser ikun jista jibda qabel l-24 ta' Lulju peress li ser ikun imsiefer u meta dan qabel, kien informa l-perit li ser jkun jista mil-bidu ta' Lulju, bil-konsegwenza li ż-żmien ser ikun limitat ħafna u jista jkun li dejjem jekk l-*clearance* tingħata ma jintlaħaqx jitlesta x-xogħol ta' tindif qabel jiskadi l-permess.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sindku ipropona illi jekk hu dejjem possibli, ninfurmaw lil-Eco Gozo biex minflok isir it-tindif tal-wied, isiru l-fanali tat-toroq li fadal, biex għalanqas l-fondi ma jintilfux. Fil-każ tal-fanali, kienu ġa intalbu fondi taħt l-iskema ta' l-Eco Gozo iżda l-Kunsill ġie infurmat li ma kienx fadal u għalhekk ma sarux peress li din kienet it-tieni preferenza wara dik tat-tindif tal-wied.

Fir-rigward ta' l-iffirmar tal-kuntratt mal-kuntrattur is-Sur Joseph Portelli, dan għadu ma sarx peress li mhux ċar meta ser isir ix-xogħol, u ma kienx għaqli li l-Kunsill jidħol f'obligi mhux neċessarji.

Is-sindku ippropona ukoll li tintagħlab *extension* tal-permess. Il-Kunsill qabel.

3.2.19 Stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar nuqqas ta' Solidarjeta' mill-pajjiżi fl-Unjoni Ewropea ma' l-immigranti irregolari iżda fuq kollox inħarsu ukoll lejn l-bżonnijiet ta' dawk in-nies li jaħdmu f'dak il-qasam filwaqt li irridu nsaħħu l-ġlieda kontra t-traffikanti ta' l-immigranti irregolari.

3.2.20 Id-Dipartiment informa lil Kunsill li minnu fih għandu jibda l-proċess għal ħatra ta' skrivan. Is-Sindku qal li d-Direttur tal-Kunsilli Lokali madwar sena u nofs ilu, meta kien ġie il-Kunsill, kien wiegħed li ser jingħataw fondi addizzjonali għal dan il-għan iżda baqa' ma sar xejn. Is-Sindku qal ukoll li


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

jista jinħatar skrivan part-time biex jaħdem is-sibtijiet u għal meta s-Segretarju Eżekuttiv ikun bil-leave iżda l-Kunsill għandu jigħata l-fondi għal dan. Dana peress li l-fondi allokali lil Kunsill ma jippermettux li jitqabbad skrivan peress li l-formola li tiddetermina l-allokazzjoni li Kunsill għandu jieħu hija diskriminatorja kontra l-Kunsilli ż-żgħar tant li joħorġu skemi għal proġetti speċjali f'lokalitajiet żgħar. Is-Sindku qal li hemm ħaddieħor li m'għandhux skrivan.

Ġie diskuss ukoll l-fatt li hu diffiċli li jinstab persuna għal nhar ta' sibt u meta s-Segretarju Eżekuttiv ikun bil-leave iżda s-Sindku tenna li l-Kunsill jkun jista maż-żmien iżidlu l-ħin allokat u dan biex ma jkunx hemm sparpaljar ta' flus.

Il-Viċi Sindku tenna li fl-oppinjoni tiegħu, Kunsill minhajr sistema amministrattiva talba dan ma jaħdimx. Għal dan, is-Sindku qal li x-xogħol dejjem sar avolja l-Kunsill ma kellux skrivan.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li mill-ftit żmien li ilu jokkupa din l-kariga jidher biċ-ċar li l-ħatra ta' skrivan hija neċessarja għax tispiċċa tinħela ma' ħafna irqaqat, speċjalment fiż-żmien tas-Sajf meta l-ħinijiet tax-xogħol huma iqsar.

Is-Sindku u l-Kunsillier is-sur Lorry Apap tennew li għandna ninfurmaw lid-Direttur biex l-Kunsill jingħata l-fondi imwiegħda minħabba n-nuqqas ta' riżorsi għad-dispożizzjoni. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess biex jinħatar xi ħadd għal madwar 500 siegħa fis-sena.

3.2.21 Wara li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie trasferit għall-Ministeru għal-Għawdex, is-Sindku ħass il-bżonn li jinforma lill-Onorevoli Prim Ministru b'ittra datata 18 ta' Ġunju 2012 u kopja lid-Direttur tal-Gvern Lokali, li l-Kunsill qed jikser il-Liġi peress li huwa bla Segretarju Eżekuttiv u għalhekk mhux qed ikun ta' servizz għar-residenti u l-pubbliku inġenerali. Barra min hekk, l-Kunsill ma setax jagħmel il-laqgħat kif inhu mitlub mill-istess Liġi tant li l-laqgħa ta'Ġunju ma saritx. Huwa tenna ukoll li l-Kunsill kien qiegħed jinżamm miftuħ min ħaddiem imqabbad taħt l-'Iskema Xogħol Fil-Komunità'.

Dana fid-dawl li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien infurmat li Aġent Segretarju Eżekuttiv il-ġdid ma' setax jibda qabel il-bidu ta' Lulju.

3.2.22 Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali tal-ħatra tas-Sur Louis Stefan Magrin bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill.

3.2.23 Ittra mill-Uffiċju tal-Prim Ministru lil Dott Anton Refalo u ikkupjata lil Kunsill tal-Fontana li tirrigwarda l-każ tas-Sur Joscar Camilleri. Dina tgħid li l-materja ta' dan il-każ kienet ġiet diskussa fi ħdan il-Kunsill fejn kien qabel li s-Sur Joscar Camilleri jibqa' jagħti servizz fil-Fontana bħala parti mill-iskema 'Xogħol fil-Komunità'. Għal din r-raġuni l-OPM ma jidhirlux li għandu jinsisti mall-Kunsill biex ibiddel din d-deċiżżjoni.

Fid-dawl ta' dan is-Sindku qal li kemm ilha taħdem din l-iskema, għal madwar 3 snin, l-Kunsill qatt ma indika min għandu jintbagħat.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 3.3 Ilmenti

3.3.1 Ilment mis-Sur Gużepp Vella ta' 7, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana, fejn qed jitlob li titranġa r-rampa tal-garage tiegħu. Is-Sindku qal li din ġa ġiet irranġata.

3.3.2 Ilment mis-Sur George Sacco ta' Sliem, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Fontana, fejn qed jgħid li ma jkunx jista' jdaħħal jew joħroġ l-karozza peress li qed jipparkjaw eżatt mat-tarf tal-bieb u qed jissuġġerixxi li jsiru żewġ linji sofor, wieħed kull naħa. Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni ġa ġiet irranġata.

3.3.3 Ilment mis-Sur Matthew Mercieca ta' Flat 1, San Andrea Court B, Triq ta' l-Għajn, Fontana, fejn qed jilmenta li n-nies qed jipparkjaw għal ħinijiet twal quddiem l-entratura tal-Blokk u qeda tkun problema xħin jiġu biex idaħħlu jew joħorġu l-affarijiet inkluż il-*pushchair*. Dana ukoll peress li lejn ġenb minnhom tal-bankina ma tistax tmur minħabba rampa ta' ħanut u lejn il-ġenb l-ieħor qed ikun hemm kelb marbut li ġa gidem tnejn min-nies wieħed minnhom hu. Hu qed jitlob li jsir *double-line* jew xi ħaġa simili ħalli ikunu jistgħu joħorġu minhajr problema. Is-Sindku qal li kellem lil persuna li għandha x-showroom tal-muturi biswit il-blokka (jiġifieri l-ħanut) u li issa m'għadux jagħmilhom hemm, dan ifisser li min ġenb minnhom suppost jista' jgħaddi min hajr problemi. Il-Viċi Sindku talab biex l-Kunsill jikkuntatja lis-Sur Matthew Mercieca jekk l-problema ġietx solvuta. Is-Sur Lorry Apap irrimarka li jekk isir d-*double-line* dana isir għal kulħadd, jiġifieri ħadd ma jkun jista' jipparkja.

3.3.4 Ilment mis-Sinjura Joann Galea ta' L-Għabex, Triq ta' Mulejja, Fontana, fejn qed titlob li jsir *double-line* quddiem il-bieb tal-garage tad-dar taha li jibqgħu sejrin sa' nofs il-wisa' tal-belvedere. Il-Kunsill qabel li l-persuna konċernata tiġi infurmata li jekk Transport Malta tapprova li jsir d-*double-line*, lanqas ma tkun tista' tipparkja.

3.3.5 Ilment mis-Sinjura Bicker ta' Asubira, Triq ta' Mulejja, Fontana, fejn qeda titlob li l-parking li kien hemm tad-*disabled* fi Triq il-Kappillan Hili jerġa jsir. Dana jkun jista jintuża min kull min hu intitolat li juża l-parking tad-*disabled*. Fil-każ taħa dan kien utli ħafna. Il-Kunsill irrimarka li ġa hemm kaxxa li tista tintuża kif tixtieq hi.

3.3.6 Ilment mis-Sur John Cordina ta' 45, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana, fejn qed jitlob li tiġi solvuta l-problema tar-riħa tad-drenaġġ u ġieli anke drenaġġ innifsu li jidħlu fid-dar tiegħu. Din il-problema hi ġejja konsegwenza tal-fatt li meta saret parti min Triq l-Isptar San Ġiljan inkiser is-sifun. Is-Sindku talab li l-Kunsill jikkuntattja lid-Dipartiment tad-Drenaġġ biex tissolva l-problema.

3.3.7 Suġġeriment mis-Sur Tony Borg ta' Triq Santa Dminka, Rabat, Għawdex fejn qed jgħarraf lil Kunsill li parti mir-*railing* li sar f'din t-triq xi ħadd għawġu b'xi *truck* u qiegħed fi stat li jista' jinqala.

3.3.8 Ilment mis-Sur Tony Borg ta' Triq Santa Dminka, Rabat, Għawdex, li għandu l-garage tad-dar tiegħu jagħti għal Triq Wied Siekel qed jgħid li peress din t-triq hija dejqa, qed isiba diffiċli biex idaħħal u joħroġ l-karozza u għalhekk qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill.
Annessa, is-Sur Tony Borg ippreżenta ukoll ittra f'isem ir-residenti ta' Triq Wied Siekel biex qabel din t-triq tingħata t-*tarmac*, titwessa kif suppost, jiġifieri 35 pied.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 4. Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

4.1 Is-sindku qajjem punt rikward r-rapport tal-Bord ta' l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv fejn qal li dan suppost ġie issiġillat waqt il-laqgħa li fiha ġie diskuss. Ser jiġi ikkuntatjat l-Aġent Segretarju ta' qabel biex jindika fejn hu miġbur dan r-rapport.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Intbagħtet l-istima mil-ġdid ta' parti minn Triq il-Għajn li tinsab bejn Pjazza Sant' Wistin u Triq l-Kappillan Hili mill-Perit Angelo Portelli skond l-istima emendata ta' Gatt Tarmac Ltd għal prezz ta' €96,182.50.
Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lis-Sur Piju Farrugia biex jara jekk hux possibli li d-Dipartiment jagħtu lil Kunsill is-€27,000 imwiegħda għal din l-parti tat-triq u Triq l-Isptar San Giljan peress li b-Budget ta' €130,000 fis-sena ma' tantx tista tagħmel wisq affarijiet.

5.2 Offerta FONQ 01/2012: *Reconstruction of Footpath at Triq ta' Mulejja linking Multipurpose Hall, Convenience and Public Garden, Fontana*. Ġie iffirmat il-kuntratt mal-Kuntrattur Said Construction Ltd u beda x-xogħol.

5.3 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*. L-Aġent Segretary informa lill-Membri tal-Kunsill li kienu inxteħtu 3 Offerti: A.F. Ellis Ltd (€11,550.00); Gatt Tarmac Ltd (€15,176.00); u Gozo Concrete Products Ltd (€9,275.00).
Għall-istess prezz, d-ditta A.F. Ellis Ltd ippreżentat żewġ kampjuni minfejn wieħed jista jagħżel.
Fil-każ ta' din t-tender, fuq parir tal-Perit stess, ż-żmien li setgħu jinxteħtu l-offerti kien ġie estiż sat-28 ta' Ġunju ħalli l-Offerenti kollha jkollhom iż-żmien adekwat li jprovdu t-testijiet neċessarji. L-Aġent Segretarju qal li hu għadda l-istimi u t-testijiet lill-perit biex ikun jista' jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu u irriżulta li l-Offerenti kollha reġgħu ma bagħtux it-testijiet kollha hekk kif mitluba fid-dokument tat-Tender. F'dan ir-rigward l-Perit irrakkomanda li jerġgħu jingħataw perjodu ta' 15 il-ġurnata biex t-3 Offerenti jipprovdu t-testijiet nieqsa. Peress li Gozo Concrete Products Ltd kien informa l-Kunsill li test partikulari ma jsirx hawn Malta, l-Perit iċċekja u sab li mhux minnu, iżda għal kuntrarju, t-testijiet kollha jsiru Malta. Is-Sindku qal li ser intuhom l-opportunita' li jipprovdu t-testijiet neqsin sas-6 t'Awwissu 2012. Is-Sindku irrimarka ukoll li t-testijiet kien messhom saru wara, skond l-ġebla li tkun ġiet magħżula u hekk kien ikun hemm anqas dewmien.

5.4 Offerta FONQ 06/2012: *Excavation of site, and Construction of two garages, site at Triq ta' Mulejja, Fontana, Gozo – Phase 3 of the Civic Centre*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li kienu inxteħtu 5 Offerti: Xmun Projects Ltd (€27,878.39); Carmel Grima (€21,364.88); Anthony Vella (€22,273.96); Paul Sultana (€23,621.56); u Gatt Tarmac Ltd (€31,069.35). Skond ir-rapport tal-Perit Gordon Vella, wara li analizza l-Offerti mixħuta, wasal għal konklużjoni li t-Tender għandha tingħata lil irħas *bidder*, jiġifieri


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

lil Carmel Grima għal prezz ta' €21,364.88. Is-Sindku talab biex inmexxu skond l-proċess li titlob il-liġi ħalli jiġi iffirmat l-kuntratt ma' l-aħjar offerent u hekk kemm jista jkun ma jintilifx żmien. Il-Kunsill qabel.

5.5 Offerta FONQ 07/2012: *Patching works using Hot Asphalt in various streets of Fontana*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li kienet inxteħtet Offerta waħda biss: Gatt Tarmac Ltd (€15,495.00). Skond ir-rapport tal-Perit John Saliba, meta din l-Offerta titqabbel ma' dik li ħarġet f'Settembru tal-2010, wieħed jinnota li hemm żieda notevoli fil-prezz, iżda waħda mir-raġunijiet hu l-fatt li din hi bil-*Hot Asphalt* u mhux bil-*Cold Ashalt*. Il-Perit qed jirrakkomanda biex qabel isiru x-xogħolijiet, l-kundizzjoni tal-wiċċ tat-triq jiġi evalwat biex ikun żgurat li l-*patching* huwa fuq skala żgħira u li ma jkunx fi stat li jkun aktar orħos li t-triq kollha jkun jaqbel li ssir mill-ġdid. Is-Sindku irrakkomanda li l-Kunsill jistaqsi lil Kuntrattur jekk hux possibli jraħħas xi ftit l-prezz qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ħalli x-xogħol isir kemm jista jkun malajr. Il-membri qablu.

5.6 Offerta FONQ 08/2012: *Resurfacing of Triq Wied Siekel with tal-Qawwi paving stone* (Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm *European Agricultural Fund for Rural Development 2007-2013)*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li kienu inxteħtu 3 Offerti: Nicky Saliba (€26,812.80); A.F. Ellis Ltd (€28,044.00); u Gatt Tarmac Ltd (€25,352.46). Skond ir-rapport tal-Perit John Saliba ġiet rakkomandata l-irħas Offerta, jiġifieri dik ta' Gatt Tarmac Ltd għal prezz ta' €25,352.46. Il-Kunsill qabel. Fid-dawl ta' dan is-Sindku irrimarka li lil-Kuntrattur infakruħ li għandu jintuża cement abjad biex jiġi jaqbel mal-parti li ġa saret u li jintuża l-ammont ta' materjal kemm suppost. Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Lorry Apap talbu li qabel ma' jibda x-xogħol issir laqgħa mal-Perit u l-Kuntrattur preferibilment fis-7 ta' Awwissu 2012, waqt il-laqgħa tal-Kunsill u għal dan qabel kulħadd. Is-Sindku fakkar ukoll li x-xogħol mhux sewwa jsir fi żmien is-sajf minħabba s-sħana għax dan ma jiġix sew. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab ħalli l-kuntrattur jiġi mitlub biex jekk ikun possibbli iqabbel il-ġebla ma' ta' l-ewwel parti. Il-Kunsill qabel.

5.7 Quotation No. 4: *Supply and apply a waterproofing membrane to the roof slab and adjoining wall structures, site at Fontana Civic Centre Phase 2*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li kienu inxteħtu 4 kwotazzjonijiet: Tarcisio Xerri (€1,263.75); Paul Caruana (€1,758.00); Three, Eight, Nine Ltd (€1,365.00); u Kevin Grech (€1,557.75). Skond ir-rapport tal-Perit Gordon Vella x-xogħol għandu jingħata lil irħas Offerent, jiġifieri lil Tarcisio Xerri għal prezz ta' €1,263.75. Il-Kunsill qabel.

## 6. Mistoqsijiet

6.1 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa fejn kienu waslu l-affarijiet biex jitranġa l-ħajt ta' maġend is-Sur Ġużepp Sacco, li qiegħed fil-periklu li jaqa' fi Triq il-Kardinal Alessandru Franchi. Is-Sindku qal li din l-parti kienet inbniet min sid privat u għalhekk ma jkunx għaqli li l-Kunsill imiss il-ħajt qabel ma jieħu parir tal-perit. Apparti min hekk, s-Sindku qal ukoll li la darba dan inbena mis-sid privat, dan ma jaqax taħt l-kompetenza tal-Kunsill. Għal


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

dan is-Sur Horace Micallef staqsa għalfejn saret it-triq kollha minbarra din il-parti, mela mhux kullimkien tal-privat? Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' dakinhar kien waqaf milli jkompli peress li kien diġa mibni apparti li hu privat. Barra minhekk diġa kien hemm il-każ ta' ħdejn il-Għajn tal-Loġoġ fi Pjazza l-Għejun is-sena l-oħra li wara li l-Kunsill nefaq l-flus għal Perit irriżulta li dan kien privat ukoll.

6.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa ukoll lis-Sindku fejn ser tinfetaħ eżatt il-bokka tax-*shelter* fi trejqet ix-xagħri. Għal dan is-Sindku qal li ser tkun bejn żewġ piedi u żewġ piedi u nofs l-barra mil-ġenb fejn hemm it-toqba tidher.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa.

7.2 Il-Membri lkoll qablu li l-pagamenti bin-numru 29, 65, 66, u 67 li jikkonċernaw l-bini tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku jitħalsu darb'oħra meta l-Perit Gordon Vella jibgħat kont wieħed li jinkludi kollox u mhux biċċiet kif intbagħtu.

7.3 Ġie deċiż ukoll li l-paġament numru 36 li jammonta għal €1,080 dovut lil Perit Ivana Farrugia jitħallas parti minnu biss peress li l-applikazzjoni tan-niċċa ta' Teddy Curmi ta' numru 1 fi Triq il-Għajn għadha ma saritx u għalhekk ser jitħallas l-ammont ta' €930 biss.

7.4 Kien hemm qbil ukoll li l-pagament numru 45 dovut lil Gozo Tourism Association tar-reklam tal-Festival tan-nar fuq l-magazine *Let's Gozo* jitħallsu biss €450 minflok €531 kif qed jiġi mitlub. Dana għaliex skond l-ex Aġent Segretarju dan ta' l-aħħar kien l-ammont maqbul bejn l-Kunsill u l-Assoċjazzjoni. Jidher li l-ammont ta' l-aħħar huwa ikkwotat minhajr l-VAT, xi ħaġa li bil-liġi ma tistax issir.

7.5 Peress li l-pagamenti bin-numru 32 u 33 dovuti lil Koptaco Coaches ma humiex ċari ta' liema servizz offrut, l-Aġent Segretarju ippropona li jerġgħu jersqu għal-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss. Hekk sa dan it-tant jiġi iċċarat mal-kumpanija stess is-servizzi li ġew provduti u meta saru.

7.6 Is-Sindku ippropona li l-pagamenti lil kumpaniji tan-nar li ipprovdew x-xogħol għall-Festival tan-nar jitħalsu d-darba li jmiss ukoll biex jibgħatu lista *itimized* ta' x'inħaraq eżatt.

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 9. Materji Oħra

9.1 Is-Sindku semma l-fatt li għandu bżonn jinstab *Accountant* biex ikun jista' jdaħħal fis-sistema tas-*Sage* il-kontijiet li tħalsu min Jannar sa nofs Ġunju


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

peress li fi żmien l-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Joseph Farrugia dawn ma sarux. Huwa ġie infurmat b'dan f'Ġunju.

9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li Joe Mercieca, il-ħaddiem tal-Kunsill, ippreżentalu it-*time*-off li kien ħadem fi żmien il-festa. Dan jammonta għal 11 il-siegħa. Il-membri tal-Kunsill qablu.

9.3 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għadu ma ġiex mogħti l-flus mill-Kunsill Malti għall-Isports u qal li għandna niktbulhom mill-ġdid. Dawn jammontaw għal madwar €200.

9.4 Il-Viċi Sindku talab li nirranġaw data biex il-Kunsill jiltaqa mal-Kunsill tal-Munxar rigward l-attivita' li ssir ta' kull sena x-Xlendi.

9.5 Is-Sindku informa lil membri l-oħra tal-Kunsill li fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Gesu sar bukkett fjuri għal quddiem l-istatwa titulari. Għal darb'oħra tneħħiet l-arma tal-Kunsill min fuq l-bukkett.

9.6 Tqasmet l-erbagħtax il-ħarġa tar-rivista "Tagħrif mill-Kunsill tiegħek". Din saret fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari u ġiet ippreparata mis-Sindku u l-Aġent Segretarju.

9.7 Sar għall-ewwel darba u kien suċċess il-*Fontana Fireworks Festival* bis-sehem ta' 12 il-kamra tan-nar. Kien hemm tul ta' żmien biex sar il-ħruq li dam madwar sagħtejn. Darb'oħra jekk jerġa jkun organizzat dan il-Festival, il-ħin għandu jkun ta' madwar siegħa.

9.8 Sar it-teħid tar-ritratti 360° tal-Knisja Parrokjali min ġewwa; ta' l-Għajn il-Kbira; ta' Wied Siekel; tal-Belveder; ta' Triq Kardinal Alessandru Franchi; u ta' Triq Għajn Tuta min *My Destination*.

9.9 Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef attendew għal-pontifikal fl-okkażżjoni tal-festa titulari u wara sar it-tqassim ta' 31 ikla lil dawk l-anzjani li jgħixu weħidhom.

9.10 Is-Sindku ta' intervista lill-Istitut tal-Kriminoloġija ta' l-Universita ta' Malta

9.11 Is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-intrapriżi lokali li saret fil-Banca Giuratale.

9.12 Is-Sindku flimkien ma' l-Aġent Segretarju attendew għall-iffirmar tal-Kuntratt bejn l-Kunsill u l-Ministeru għal-Għawdex biex jsir it-tindif u r-rijabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi taħt it-tieni sejħa ta' Eko Għawdex.

9.13 Is-Sindku attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali għal-Għawdex.

9.14 Saret ħarġa Soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta fejn żaru Ħal Luqa u l-Qrendi fl-okkażżjoni tal-festa ta' Sant' Indrija u tal-Madonna ta' Lourdes rispettivament. Attendew 35 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef.

9.15 Saret ħarġa Soċjo-kulturali ta' jum fi Sqallija. Żorna diversi postijiet storiċi fosthom Marina di Ragusa, Siracusa u Noto u wara ikla fil-kumpless Agriturizmo Limonato. Attendew 30 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera s-Sur Victor Cefai u s-sur Horace Micallef.

9.16 Saret laqgħa fl-Uffiċju tal-MEUSAC mas-Sur Alan Joseph Buhagiar dwar Measure 413.4 fuq proġett ta' Landscaping u bis-saħħa ta' dan ġie iffirmat kuntratt ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Attendew s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

9.17 Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Joe Attard, id-Direttur ta' Green MT dwar ħlasijiet li l-kumpanija għandha tagħti lill-Kunsill. Is-Sindku infurmaħ illi jekk l-ammonti dovuti mhux ser jitħalsu, ser jipproponi lill-Kunsill biex


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

| | |
|---|---|
| | jibdew negozjati ma' kumpanija oħra. Ntalbu ukoll Recycling Bins għall-Pjazza l-Għejun u l-Playing Field. |
| 9.18 | Is-Sindku ippropona ħarġa soċjo-kulturali għal Ħal-Lija fl-okkażżjoni tal-Festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Il-Kunsill qabel. |
| 9.19 | Saret talba mir-residenti biex isir bank fi Triq Għajn Tuta. |
| 9.20 | Twaħlet l-grada fuq l-bejt taċ-Ċentru Ċiviku biex jitneħħa l-periklu li xi ħadd jkun jista jaqgħa għal-isfel. |
| 9.21 | Twaħħal railing mal-bejt tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn biex ħadd ma jkun jista jitla'. |
| 9.22 | Saru l-aplikazzjonijiet lil Enemalta biex jitneħħa l-arblu li hemm fejn ser tinbena t-tielet fażi u biex jitmexxa l-post-clock li jinsab fejn l-Għajn. |
| 9.23 | Fuq talba tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali saru żewġ tabelli biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir tipjip fil-*Playing Field*. |
| 9.24 | Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef attendew għall-Festa Tfal li saret f'Ġunju fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari. |

Il-laqgħa spiċċat fit-7.30p.m. u sar qbil li titkompla nhar il-7 ta' Awwissu 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555